PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 37

L-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

MINISTERU GĦALL-FINANZI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3256. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu li d-dettalji ngħataw separatament huwa membru fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta, wara konsultazzjoni mal-komunità tan-negozju, kif rappreżentata fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u jirċievi remunerazzjoni ta' €3,000 fis-sena.

Barra minn hekk, fl-2023 l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem innominaw żewġ persuni sabiex jinħatru fil-bord tad-diretturi tal-Malta Development Bank għal tliet snin kull wieħed. Dan l-individwu huwa wieħed minn dawn iż-żewġ persuni u l-ħlas huwa ta' €9,000 fis-sena.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – ALLOKAZZJONIJIET FINANZJARJI

346. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont sena b'sena tal-allokazzjonijiet finanzjarji li l-Gvern għamel mal-KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – PROFITT/TELF

347. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk KM Malta Airlines għamlitx profitt jew telf matul l-aħħar sena finanzjarja?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TELF

348. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk matul l-aħħar sena finanzjarja sar telf f'KM Malta Airlines, jista' l-Ministru jgħid kemm kien jammonta dan it-telf u x'inhuma r-raġunijiet ewlenin għal dan ir-riżultat?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – PILOTI

349. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il pilota impjegat għandha KM Malta Airlines fil-preżent u kemm-il pożizzjoni vakanti hemm għall-piloti?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – PILOTI LI TELQU

350. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il pilota telaq mill-KM Malta Airlines matul l-aħħar sentejn?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KM MALTA AIRLINES – PILOTI – KUNTRATTI

351. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti offruti lill-piloti ġodda ma' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MFWS – TAĦRIĠ LILL-PULIZIJA KOMUNITARJA – DETTALJI

2108. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien jinvolvi sigħat it-taħriġ mogħti lill-uffiċjali tal-Pulizija Komunitarja mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà (MFWS) u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dettalji tat-taħriġ, inkluż il-programm, il-kontenut u kull materjal u dokument ipprovdut lill-parteċipanti?

22/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li t-taħriġ mogħti lill-uffiċjali tal-Pulizija Komunitarja u Police Community Support Officers, mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà (MFWS) kien ta' tmien siegħat. Il-maġġoranza tal-uffiċjali msemmija attendew għal dan it-taħriġ u dawk ġodda jingħataw l-istess taħriġ fil-futur. Dettalji ta' dan it-taħriġ, li jinkludi l-programm u kull materjal u dokumenti oħra li ġew provduti lill-parteċipanti, qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

RAPPORTI TA' CYBERBULLYING

2109. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid minn fost ir-rapporti ta' allegat cyberbullying li rċieva l-Korp tal-Pulizija minn meta daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni approvata matul l-Erbatax-il Leġiżlatura, kemm kienu jinvolvu vittmi, maqsuma skont il-ġeneru u l-faxex tal-età?

22/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed nippreżenta l-informazzjoni mitluba. Għas- sena 2025 ġentilment nirreferiha għar-risposta mogħtija f'domanda parlamentari Nru. 33323 tal-legislatura preċidenti.
Minn dik id-data, fis-sistema elettronika tal-Korp tal-Pulizija ġew irreġistrati erba' (4) rapporti dwar allegati każijiet ta' cyberbullying. Ma' dawn jiżdiedu żewġ (2) każijiet oħra li ħarġu waqt investigazzjonijiet relatati ma' reati oħra. Għaldaqstant, b'kollox kien hemm sitt (6) każijiet identifikati u rreġistrati speċifikament bħala cyberbullying, u mhux bħala online harassment.
Minn dawn is-sitt każijiet, ittieħdu passi legali f'żewġ (2) każijiet, filwaqt li tressqu akkużi fit-tielet każ. Fit-tliet (3) każijiet l-oħra, l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin, filwaqt li f'każ minnhom ma ttieħdu ebda passi legali.

Kazi ta' Cyberbullying minn meta daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni			
2026 Każi	Nru ta' vittmi.	Ġeneru	Eta' tal-vittma
1	1	F	14
1	1	F	13
1	1	F	40
1	1	F	14
1	1	F	23
1	1	M	42

Seduta Numru 37
11/11/2026

RAPPORTI TA' CYBERBULLYING

2110. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċieva rapporti ta' allegat cyberbullying il-Korp tal-Pulizija minn meta daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni relattiva, kemm minn dawn wasslu għal investigazzjoni u kemm irriżultaw fi proċeduri quddiem il-Qrati?

22/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 2109.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – OPERAZZJONIJIET

2137. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti lista tal-operazzjonijiet li bħalissa qed isiru fl-Isptar Mater Dei, maqsuma skont l-ispeċjalità jew is-servizz kirurġiku rispettiv?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-Isptar Mater Dei iwettaq firxa wiesgħa ta' proċeduri kirurġiċi fl-ispeċjalitajiet kollha. Dawn il-proċeduri jvarjaw kontinwament skont il-ħtiġijiet kliniċi tal-pazjenti u l-iżviluppi fil-prattika kirurġika. L-Isptar ikompli jinvesti biex iwessa' u jtejjeb dawn is-servizzi.

Seduta Numru 37
11/11/2026

VINCENT MORAN REGIONAL HUB – OPERAZZJONIJIET U DAY SURGERIES

2138. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema operazzjonijiet u day surgeries qed jiġu offruti mill-Vincent Moran Regional Hub f'Paola? Jista' jagħti lista ta' dawn il-proċeduri u jindika jekk hemmx pjan li matul ix-xhur li ġejjin jiżdiedu tipi oħrajn ta' operazzjonijiet?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiċ-Ċentru Reġjonali ta' Ċensu Moran, Raħal Ġdid, qed jiġu offruti diversi proċeduri kirurġiċi u day surgeries.
Fil-qasam tal-Oftalmoloġija, dawn jinkludu:
1. Operazzjonijiet tal-katarretti (cataracts);
2. Proċeduri u interventi oftalmiċi minuri oħra li jitwettqu taħt anesteżija lokali.
Dawn il-proċeduri qed isiru mit-Tnejn sas-Sibt.
Barra minn hekk, il-Hub qed joffri wkoll proċeduri relatati mal-immaniġġjar tal-uġigħ (pain procedures), li fil-maġġoranza tagħhom isiru taħt anesteżija lokali, filwaqt li f'ċirkostanzi partikolari u skont il-ħtiġijiet kliniċi tal-pazjent, xi proċeduri jistgħu jsiru taħt anesteżija ġenerali, skont il-konsulent responsabbli.
Matul il-ġimgħat li ġejjin, il-Hub ser ikun qed jibda joffri wkoll operazzjonijiet kirurġiċi minuri taħt anesteżija lokali, bil-għan li jkompli jżid il-kapaċità u d-diversifikazzjoni tas-servizzi offruti.
Barra minn hekk, fix-xhur li ġejjin huwa ppjanat li jibdew isiru wkoll proċeduri kirurġiċi relatati mal-endoskopija, hekk kif jitlestew l-arranġamenti kliniċi u operattivi meħtieġa.
Il-Ministeru għas-Saħħa u l-awtoritajiet tas-saħħa jibqgħu jevalwaw kontinwament il-ħtiġijiet tas-servizz sabiex, fejn ikun possibbli u klinikament xieraq, jiġu introdotti aktar proċeduri u interventi fil-futur, bil-għan li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-kura offruta lill-pazjenti.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – OPERAZZJONIJIET TAL-FWIED

2139. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti lista tat-tipi kollha ta' operazzjonijiet tal-fwied li bħalissa qed isiru fl-Isptar Mater Dei? Jista' jgħid ukoll liema huma l-aktar operazzjonijiet tal-fwied li jsiru u kemm saru minn kull tip matul kull sena fl-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, sal-aktar data riċenti disponibbli?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li minn informazzjoni miġbura permezz tas-*Surgical Operations Register* ta' l-isptar Mater Dei, il-lista t'operazzjonijiet tal-fwied li saru fl-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, tinsab fit-tabella ta' hawn taħt. L-operazzjonijiet huma kategorizzati skont is-sistema ta' klassifikazjoni ICD 9-CM PCS - International Classification of Diseases, Clinical Modification, Procedures Coding System.

		Total Number of Procedures									
ICD-9CM-PCS	*Descriptive category*	*2016*	*2017*	*2018*	*2019*	*2020*	*2021*	*2022*	*2023*	*2024*	*2025*
50.0	Hepatotomy	-	1	-	1	-	1	1	1	-	-
50.0L	Laparoscopic Liver cyst fenestration	-	-	-	-	-	-	-	1	1	3
50.11	Closed (percutaneous) (needle) biopsy of liver	109	117	140	172	128	121	117	110	151	155
50.12	Other biopsy of liver	-	1	1	-	-	-	-	1	-	-
50.14	Laparoscopic liver biopsy	2	1	-	-	-	-	-	2	-	-
50.21L	Laparoscopic Marsupialization of lesion of liver	-	-	-	-	1	-	-	-	-	-
50.22	Partial hepatectomy	1	1	2	1	2	2	9	6	9	6
50.22L	Laparoscopic Liver Resection	-	-	-	-	-	-	-	1	1	2
50.23	Open ablation of liver lesion or tissue	-	1	1	-	-	-	-	-	-	-
50.24	Percutaneous ablation of liver lesion or tissue	43	15	16	21	18	25	13	34	35	43
50.25	Laparoscopic ablation of liver lesion or tissue	1	-	1	-	-	-	-	-	-	-
50.29	Other destruction of lesion of liver	1	3	-	-	-	-	-	1	-	-
50.29L	Laparosopic destruction of lesion of liver	-	-	-	-	-	-	-	-	-	1
50.3	Lobectomy of liver	-	-	1	-	-	4	6	8	19	10
50.4	Total hepatectomy (organ retrieval)	-	-	-	2	-	-	-	-	1	-
50.61	Closure of laceration of liver	-	-	2	-	-	-	-	-	-	1
50.69	Other repair of liver	-	-	-	1	-	2	-	2	1	-
50.91	Percutaneous aspiration of liver	1	9	8	2	10	11	13	26	36	30

Seduta Numru 37
11/11/2026

IS-SERVIZZ ĊIVILI – ĦADDIEMA

2290. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 592 u jgħid kemm hemm ħaddiema nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor minn Skala 1 sa Skala 4 li bħalissa jaħdmu fis-servizz ċivili, maqsuma skont l-iskala?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-skali tat-tmexxija fis-Servizz Pubbliku huma min skala 5 l'fuq fejn japplika. Qed nipprovdi l-informazzjoni skont dan hawnhekk
:

Skala	Nisa	Irġiel	Ġeneru Ieħor	Total
1	1	6	0	7
2	5	26	0	31
3	40	118	0	158
4	450	602	0	1052
5	1135	883	0	2018
Total	1631	1635	0	3266

Seduta Numru 37
11/11/2026

IS-SERVIZZ PUBBLIKU – NISA F'KARIGI TA' TMEXXIJA

2291. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 595 u jgħid kemm hemm nisa u kemm hemm irġiel f'karigi ta' tmexxija fis-servizz pubbliku?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat kif ġej:

Nisa	Irġiel	Total
352	361	713

Seduta Numru 37
11/11/2026

AWTORITAJIET, ENTITAJIET U KUMPANIJI TAL-GVERN – BORDIJIET – PERĊENTWAL TA' NISA

2292. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 596 u jgħid x'inhu l-perċentwal ta' nisa fuq il-bordijiet tal-awtoritajiet, entitajiet u kumpaniji tal-Gvern?

28/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab nfurmat li fl-aħħar tal-leġiżlatura li għaddiet, jiġifieri sad-29 ta' Mejju 2026, kien hemm 33% tal-membri maħtura f'bordijiet u kumitati tal-Gvern li kienu nisa. Ninsabu fl-ewwel ftit xhur tal-leġiżlatura u ħafna minn dawn il-bordijiet u kumitati qed jiġu maħtura mill-ġdid.

Il-Gvern impenjat li ż-żewġ sessi jkunu rrapreżentati b'minn tal-anqas 40% fil-membri ta' dawn il-bordijiet u kumitati. Dan l-impenn huwa rifless fil-programm elettorali tal-Gvern u fil-verżjoni aġġornata tal-Manual for setting the categorisation, classification and remuneration of government-appointed boards and committees. Kopja ta' dan il-Manwal tqegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fit-22 ta' Lulju 2026.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – ĦADDIEMA ĠODDA

2393. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 23 u tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ORDNIJIET TA' REKWIŻIZZJONI

2394. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm fadal persuni milquta b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni u jekk hemmx pjan u timeframe għal meta dawk li fadal, ser jiġu rilaxxati?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lil Onor. Interpellant li sal-lum hemm hemm 106 proprjetà li milquta b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Il-każijiet li għadhom pendenti qegħdin jiġu indirizzati skont iċ-ċirkostanzi rispettivi tagħhom u, fejn applikabbli, qed jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex dawn il-proprjetajiet jiġu rilaxxati.
Il-ħidma f'dan ir-rigward tkompli b'mod progressiv, bil-għan li l-proprjetajiet li fadal jiġu rilaxxati hekk kif jiġu sodisfatti r-rekwiżiti u jkunu jistgħu jiġu konklużi l-proċeduri meħtieġa. Il-ħin meħtieġ jista' jvarja minn kas għal kas u għalhekk ma jistax jiġi stabbilit timeframe wieħed li japplika għall-każijiet kollha.

Seduta Numru 37
11/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – KAŻIJIET TA' POSTIJIET RIFJUTATI

2395. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fejn postijiet mogħtija lill-persuni li jinsabu fil-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali, kienu rifjutati mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'raġuni ngħatat għal kull każ?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-1 ta' Jannar 2026 sad-data ta' din it-tweġiba, kien hemm total ta' 41 allokazzjoni ta' akkomodazzjoni li ma ġewx aċċettati mill-applikanti kkonċernati.
Ir-raġunijiet prinċipali għar-rifjut kienu relatati prinċipalment ma kunsiderazzjonijiet ta' saħħa, mobilità u aċċessibilità, lokalitajiet u ħtiġijiet relatati ma' sapport familjari u l-kundizzjoni tal-proprjetà (bil-potenzjali inkwilini ma' jaċċettawx li jkun hemm għamara fil-post).

Seduta Numru 37
11/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – KAŻIJIET TA' "EXCHANGE"

2396. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet għal każijiet ta' "exchange" għall-akkomodazzjoni soċjali?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 439 talba għal każijiet ta' tpartit relatati mal-akkomodazzjoni soċjali.

Seduta Numru 37
11/11/2026

EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME

2397. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġew segwiti każijiet għall-Employee Support Programme minn Diċembru 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/08/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li fl-2026 kien hemm 351 (sa 23/10/2026) li ammonaw għal 5600 sessjoni (sa 28/10/2026).

Seduta Numru 37
11/11/2026

QTUGĦ TAL-KONSUM TAL-ELETTRIKU MINĦABBA RAĠUNIJIET TA' ĦLAS

2398. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm djar li nqatagħlhom il-konsum tal-elettriku minħabba raġunijiet ta' ħlas mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

03/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Iterpellant li qabel jiġi sospiż is-servizz, il-kumpanija ARMS tibgħat ittra u anke tagħmel kuntatt mal-konsumatur permezz tat-telefon. F'każ li dan ma jkunx f'pożizzjoni li jħallas il-pendenzi li jkollu f'daqqa, l-kumpanija toffrilu l-possibbiltà li jiffirma kuntratt biex iħallas l-arretrati b'rati mensili. Kemm-il darba mbagħad jibqa' ma jħallasx il-kontijiet li jkunu pendenti, l-ARMS ma jkollhiex triq oħra għajr dik li jiġi sospiż is-servizz, bħala l-aħħar riżorsa.
Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal permezz tal-iskema Benefiċċju tal-Enerġija joffri għajnuna fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma lill-familji bi dħul baxx jew li jkollhom każ soċjali. Ninsab infurmata li n-numru ta' djar li nqatgħalhom il-konsum tal-elettriku minħabba raġunijiet ta' ħlas huma kif ġejjin: 668 fis-sena 2022; 912 fl-2023; 375 fl-2024; 410 fl-2025; u 280 sal-aħħar t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ROTTA 110 – STUDJI

2661. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji tekniċi, passenger-demand assessments, rapporti, rakkomandazzjonijiet u dokumentazzjoni oħra li ntużaw biex ittieħdu deċiżjonijiet dwar ir-rotta, il-frekwenza u l-coverage tar-Rotta 110 bejn l-2015 u l-2017, inkluż it-tibdil li affettwa Ta' Ġiorni?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant ghat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2662.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ROTTA 110 – DEMAND ASSESSMENTS

2662. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta, meta tistabbilixxi jew tirrevedi l-frekwenza tar-rotot tat-trasport pubbliku, tqisx iż-żieda fil-popolazzjoni tal-lokalitajiet servuti? Fid-dawl taż-żieda sostanzjali fil-popolazzjoni ta' San Ġiljan, Birkirkara, San Ġwann u Tas-Sliema mill-2016 'l hawn, jista' jgħid jekk saritx demand assessment ġdida speċifikament għar-Rotta 110?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta tiżdied il-frekwenza ta' xi rotot jiġu kkunsidrati numru ta' fatturi, mhux id-domanda biss. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jinkludu l-istituzzjonijiet edukattivi, l-isptarijiet u l-postijiet tax-xogħol.

Nirreferi lill-Onor. Interpellant ukoll għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2657 fir-rigward tad-demand assessment.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ROTTA 110 – VJAĠĠI

2663. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu skedati vjaġġi fuq ir-Rotta 110 u kemm minnhom effettivament twettqu minn Jannar 2024 sas-16 ta' Settembru 2026, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid kemm kien hemm vjaġġi kkanċellati jew mhux operati u jagħti r-raġuni għal dawn?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 2657 fir-rigward tan-numru ta' vjaġġi skedati fuq ir-Rotta 110.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-perċentwali ta' twettieq fuq din ir-rotta, maqsuma xahar b'xahar, minn Jannar 2024 sa Awwissu 2026.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ROTTA 110 – ŻIEDA FIS-SERVIZZ – SPIŻA ANNWALI

2664. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-linja u kemm-il xufier addizzjonali jkunu meħtieġa biex ir-Rotta 110 titħaddem bi frekwenza ta' kull 30 minuta? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-ispiża annwali stmata ta' din iż-żieda fis-servizz?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sabiex il-frekwenza tar-Rotta 110 tiżdied minn kull siegħa għal kull 30 minuta, ikunu meħtieġa bejn tmienja u disa' sewwieqa addizzjonali u tliet karozzi tal-linja oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ROTTA 110 – ILMENTI

2665. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċevew Transport Malta u Malta Public Transport dwar ir-Rotta 110 matul l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jaqsam dawn l-ilmenti skont il-kategorija, fosthom: frekwenza, overcrowding, punctuality, missed trips u reliability?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ilmenti li rċeviet Transport Malta għall-perjodu indikat f'din il-mistoqsija parlamentari li huma marbuta mar-rotta 110 huwa kif jidher f'din it-tabella.

	2023	2024	2025	2026 (Awwissu)
Ilmenti fuq xufiera jew impjegati oħra	1	3	1	-
Affidabbiltà	3	6	6	4
Spazju u Skeda	2	1	15	3
Ir-Rotta	3	11	23	2
Puntwalità	3	2	8	1
Informazzjoni oħra	2	5	15	2

Seduta Numru 37
11/11/2026

TRASPORT PUBBLIKU – NEFQA TOTALI U MEKKANIŻMI UŻATI

2666. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali tal-Gvern fuq il-kuntratt tas-servizz tat-trasport pubbliku għal kull sena, mill-2021 sas-16 ta' Settembru 2026, inkluż l-ispiża relatata mal-introduzzjoni tat-trasport pubbliku b'xejn? Fid-dawl ta' din in-nefqa, jista' jgħid ukoll x'mekkaniżmi jintużaw biex jiġi żgurat li rotot fejn id-domanda taqbeż il-kapaċità, fosthom ir-Rotta 110, jingħataw żieda fil-frekwenza jew fil-kapaċità sabiex il-pubbliku effettivament jibbenefika mill-investiment li qed isir?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-mekkaniżmu li bih l-operatur jiġi kkumpensat għal żidiet fin-network tat-trasport pubbliku huwa deskritt fil-kuntratt li jirregola dan is-servizz, li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-17 ta' Frar 2016. In oltre, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari 18053 u 33997 tal-Leġiżlatura XIV, fir-rigward tal-pagamenti li saru lill-Malta Public Transport għas-snin 2021–2025.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROVVISTA PERMEZZ TA' GENERATORS

2698. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka s-servizzi essenzjali li ngħataw prijorità għall-provvista permezz ta' generators jew supply restoration, inklużi faċilitajiet tas-saħħa, djar tal-anzjani, infrastruttura tal-ilma u drenaġġ, telekomunikazzjoni u servizzi tal-emerġenza?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROVVISTA TAL-ELETTRIKU – CUSTOMER INTERRUPTIONS MHUX IPPJANATI

2699. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il interruzzjoni fil-provvista tal-elettriku mhux ippjanata ġiet irreġistrata f'Għawdex mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll kemm damu kumulattivament u kemm-il customer interruption ġiet irreġistrata għal kull sena?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – QTUGĦ TA' DAWL

2700. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi l-indikaturi SAIDI u SAIFI, jew indikaturi ekwivalenti dwar il-frekwenza u t-tul tal-qtugħ, separatament għal Malta u għal Għawdex għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

GĦAWDEX – QTUGĦ TA' DAWL MHUX IPPJANAT

2701. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba parti minn Għawdex jew Għawdex kollu, esperjenza qtugħ fil-provvista tal-elettriku mhux ippjanat li dam aktar minn siegħa, tliet sigħat, sitt sigħat u tnax-il siegħa, matul l-aħħar ħames snin?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

QTUGĦ TA' DAWL – KUMPENS

2702. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern jew l-Enemalta humiex se jintroduċu kumpens speċifiku għar-residenti u n-negozji Għawdxin li ġarrbu danni jew telf minħabba l-qtugħ estensiv tat-28 u d-29 ta' Awwissu 2026?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

QTUGĦ TA' DAWL – KUMPENS

2703. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'mekkaniżmu jeżisti biex konsumaturi jitolbu kumpens għal ikel li kellu jintrema, apparat elettriku li ġarrab ħsara jew telf ieħor direttkaġunat minn interruption fit-tul tal-provvista?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PLACEMENTS TA' SUĠĠETTI VOKAZZJONALI – ĦLAS GĦALL-ISTUDENTI

2979. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 69 dwar il-ħlas għall-istudenti waqt placements ta' suġġetti vokazzjonali bħas-social work, jista' l-Ministru jgħid f'liema sena ta' din il-leġiżlatura ser tiġi implimentata r-riforma msemmija?

29/09/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li din wegħda elettorali li se nimplimentaw f'din il-leġiżlatura.

Seduta Numru 37
11/11/2026

BENEFIĊĊJI SOĊJALI – APPLIKAZZJONIJIET F'ISEM PERSUNI OĦRA

2980. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li biex persuna tapplika għall-benefiċċji soċjali f'isem persuna oħra, din il-persuna jkollha bżonn il-prokura ġenerali? Jekk iva, kif jista' jispjega din il-proċedura ġdida li ġġib fuq l-istess livell l-applikazzjoni għal benefiċċju soċjali u l-bejgħ ta' proprjetà f'isem ħaddieħor?

29/09/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 37
11/11/2026

SERVIZZ TAL-GĦAJNUNA LEGALI – EVALWAZZJONI

2981. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex jiġi evalwat is-servizz tal-Għajnuna Legali u t-tip ta' servizz li jingħata lil persuni vulnerabbli?

29/09/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz tal-għajnuna legali jinsab f'proċess kontinwu ta' tiġdid, riforma u aġġornament, bil-għan li jkompli jsaħħaħ il-kwalità tas-servizzi offruti lil dawk li huma eliġibbli, b'mod partikolari persuni vulnerabbli.Dan l-impenn għall-aġġornament kontinwu diġà ġie rifless f'numru ta' miżuri konkreti, fosthom:
· Il-ħolqien ta' lista speċjalizzata ta' avukati tal-għajnuna legali għall-vittmi ta' vjolenza domestika fl-2020, li fl-2023 ġiet estiża għall-vittmi kollha ta' reati, inkluż dak ta' traffikar uman, sabiex jingħata appoġġ legali professjonali u speċjalizzat lil kull min jinsab f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà.

· F'Lulju 2023 ġie ffirmat Memorandum of Understanding mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità , sabiex tiġi stabbilita proċedura li permezz tagħha anzjani, li huma eliġibbli għas-servizz, li jgħixu f'djar residenzjali tal-Istat jistgħu jirċievu parir u assistenza legali permezz ta' video conference mal-avukati residenti tal-Aġenzija bl-għajnuna tal-ħaddiema soċjali li jkunu jsegwuhom. Din l-inizjattiva tneħħi ostakli prattiċi u tħaffef l-aċċess għall-ġustizzja għal din il-kategorija vulnerabbli.

· Bħalissa għaddej il-preparamenti biex ir-remit tal-Children's Advocate jiġi trasferit mill-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għall-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta fit-tieni kwart tas-sena 2027. Dan il-pass se jippermetti organizzazzjoni aktar effiċjenti u aġġornata tal-panels tal-Children's Advocate, u li se jsaħħaħ b'mod sinifikanti s-servizzi legali offruti lit-tfal sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet tagħhom fi proċeduri li l-ġenituri tagħħhom jkunu għaddejja fil-Qorti.

Dawn l-iżviluppi juru biċ-ċar li l-Aġenzija mhux biss qed tevalwa kontinwament is-servizzi tagħha, iżda qed tkompli tespandi, tirriforma u ttejjeb l-appoġġ li toffri lil persuni vulnerabbli, sabiex tiżgura li l-aċċess għall-ġustizzja jibqa' wieħed effettiv, uman u adattat għall-ħtiġijiet tal-lum."

Seduta Numru 37
11/11/2026

PACEVILLE, SAN ĠILJAN, SWIEQI U L-LOKALITAJIET TAL-MADWAR – REATI RRAPURTATI

3812. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati li jinvolvu turisti f'Paceville, San Ġiljan, Swieqi u l-lokalitajiet tal-madwar matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena, skont it-tip ta' reat u n-nazzjonalità tal-persuna involuta?

19/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: L-Onor. Interpellant għandu jkun infurmat illi l-pulizija meta tiġbor rapport ma tagħmilx distinzjoni jekk il-peruna tkunx turist jew le.
Għaldastant tali informazzjoni ma tistax' tingħata.

Seduta Numru 37
11/11/2026

SAN ĠILJAN – UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA

3813. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali tal-Pulizija li bħalissa huma assenjati speċifikament jew prinċipalment għal San Ġiljan, li tinkludi r-responsabbiltà għal Paceville u kif dan jitqabbel mal-2025?

19/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat li, filwaqt li fl-2025 kien hemm 70 għall-post imsemmi mill-Onor. Interpellant, fl-2026 għandna 96 uffiċċjal.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROPRJETAJIET RESIDENZJALI – STIMA

3814. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern wettaqx stima tan-numru ta' proprjetajiet residenzjali li nbidlu minn użu residenzjali għal żmien twil (long let) għal akkomodazzjoni turistika għal żmien qasir (short let) matul l-aħħar ħames snin u jekk iva, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati maqsuma skont il-lokalità?

19/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar ma tiġborx din l-informazzjoni peress li s-suq tal-kiri ta' proprjetà għal skopijiet turistiċi mhux fil-mansjoni tal-Awtorità. Fl-istess waqt meta kuntratt ta' kiri għall-użu residenzjali għal żmien twil jiġi tterminat, mhemmx obbligu li l-awtorità tkun infurmata dwar x'isir mill-istess proprjetà.

Seduta Numru 37
11/11/2026

DĦUL MILL-KONTRIBUZZJONI EKOLOĠIKA FUQ IT-TURIŻMU

3815. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabar dħul mill-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu matul l-2025 u l-ewwel sitt xhur tal-2026, u kemm huwa mistenni li jinġabar wara ż-żieda introdotta fl-1 ta' Lulju 2026?

19/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena 2025 saru pagamenti ta' €5,745,235. Minnhom €1,704,129 kienu arretrati ta' snin passati.

Għas-sena 2026, sa Ottubru, saru pagamenti ta' €4,508,693 li minnhom €1,857,556 kienu arretrati.

Dettalji dwar kemm huwa mistenni li jinġabar wara ż-żieda introdotta tingħata aktar 'l quddiem.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ŻIEDA FIL-PROPORZJON TAT-TURISTI LI JOQOGĦDU F'GĦAWDEX – MIRA

3816. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-mira tal-Gvern biex il-proporzjon ta' turisti internazzjonali li joqogħdu lejl jew aktar f'Għawdex tiżdied minflok iżuru Għawdex biss bħala turisti ta' ġurnata?

19/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mira tal-Gvern hija li jkompli jsaħħaħ lil Għawdex bħala destinazzjoni turistika distinta, b'enfasi partikolari fuq it-turiżmu ta' kwalità, esperjenzi turistiċi distinti, it-tnaqqis tal-istaġjonalità u t-tisħiħ ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika għal matul is-sena kollha. In-numru ta' viżitaturi li qed ikompli jissaħħaħ b'mod partikulari fis-shoulder months huwa xhieda ta' dan.

Seduta Numru 37
11/11/2026

GĦAWDEX – ŻJARA TA' TURISTI INTERNAZZJONALI – TUL MEDJU

3817. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'kien it-tul medju taż-żjara ta' turisti internazzjonali f'Għawdex matul l-2025 u fl-ewwel sitt xhur tal-2026 u x'mira hemm għas-sena 2027?

19/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinġabar u tiġi ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) permezz ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali dwar l-istatistika tat-turiżmu, li huma aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni rikjesta; liema informazzjoni hija estratta mir-rapporti rilevanti tal-NSO. Abbażi tad-data disponibbli bħalissa, huwa mistenni li t-tul medju taż-żjara f'Għawdex jibqa' ġeneralment stabbli fil-futur qarib, madwar sitt iljieli. Fl-istess waqt, il-Ministeru għal Għawdex qed ikompli jimplimenta diversi inizjattivi li l-għan tagħhom huwa li jħeġġeġ lill-viżitaturi jqattgħu aktar ħin f'Għawdex. Dawn l-inizjattivi jinkludu fost l-oħrajn, l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-prodott turistiku, investiment strateġiku u aktar diversifikazzjoni tal-esperjenzi offruti lid-diversi segmenti tas-suq turistiku.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROĠETT TA' ĊENTRU TA' FILGĦAXIJA

4164. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' Ċentru ta' Filgħaxija li tħabbar fl-aħħar baġit u tagħti aktar dettalji dwar dan il-proġett?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-ċentru ta' filgħaxija se jkun proġett pilota li, għall-ewwel darba, se joffri servizz lil persuni b'diżabilità li jgħixu fil-komunità u li ma jattendux ċentru ieħor ta' matul il-jum.
F'dan iċ-ċentru se jiġu offruti diversi programmi mmirati biex jappoġġjaw lill-persuni b'diżabilità fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-abbiltajiet tagħhom, skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom.
Bħalissa, it-tender relatat mal-ingaġġ tal-ħaddiema meħtieġa għall-operat ta' dan iċ-ċentru jinsab fl-istadju tal-pubblikazzjoni.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROĠETT TA' ĊENTRU TA' WARANOFSINHAR

4165. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' Ċentru ta' Waranofsinhar li tħabbar fl-aħħar baġit u tagħti aktar dettalji dwar dan il-proġett?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ikkonċernat jirrigwarda ċentru ta' filgħaxija u mhux ċentru ta' waranofsinhar, kif indikat fil-Miżura tal-Baġit 51 (BM 51), li tgħid:
"Ċentru ta' Filgħaxija għal persuni b'diżabilità severa - Proġett pilota fiċ-Ċentru ta' Malta biex għall-ewwel darba se nipprovdu servizz ta' filgħaxija lil persuni b'diżabilità severa".
Aktar informazzjoni dwar dan il-proġett tinsab fit-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4164.

Seduta Numru 37
11/11/2026

RICHMOND FOUNDATION – PROĠETT TA' DAR FIL-BALLUTA

4239. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' dar fil-Balluta mmexxija minn Richmond Foundation? Tista' wkoll tagħti iktar dettalji dwar dan il-proġett?

26/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-binja għaddejja minn rinnovazzjoni sħiħa sabiex tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-operat ta' din id-dar. Ix-xogħlijiet, li qed isiru b'kollaborazzjoni ma' Richmond Foundation, huma skedati li jitlestew fit-tieni kwart tas-sena 2027.
Il-proġett huwa maħsub sabiex jilqa' sitt żgħażagħ b'dijanjosi doppja ta' diżabilità intellettwali u kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, li jeħtieġu servizz residenzjali speċjalizzat li jipprovdi kura komprensiva u mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Seduta Numru 37
11/11/2026

IL-PARLAMENT – ACCESSIBILITY AUDIT

4240. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 31824 tal-Erbatax-il Leġislatura, tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju wasal l-audit tal-Parlament Malti?

26/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-audit qiegħed jiffoka fuq l-aspett ta' inklużjoni fejn tidħol aċċessibilità għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll dik fiżika. Bħalissa qiegħed jitħejja r-rapport finali li abbażi tiegħu ser jiġu formulati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li għandhom iwasslu għat-tisħiħ tal-imsemmija aċċessibilità fix-xogħol siewi mwettaq mill-Kamra.
Bħala parti mill-audit, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' rappreżentanti ta' taqsimiet differenti fi ħdan il-Parlament. Saru wkoll intervisti lill-Whips taż-żewġ naħat tal-Kamra. Barra minn hekk, sar audit dwar il-binja li tilqa' fi ħdanha l-uffiċini tal-impjegati u fil-futur għandu jsir audit taċ-chamber.

Seduta Numru 37
11/11/2026

IL-PARLAMENT – LIĠIJIET MRESSQA GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

4241. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema liġijiet tressqu quddiem il-Parlament Malti li jaffettwaw il-persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll x'inhu t-titlu ta' kull waħda minn dawn il-liġijiet?

26/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jibqa' impenjat li jsaħħaħ id-drittijiet u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità permezz ta' liġijiet u miżuri, inklużi dawk imħabbra fil-Baġit u marbuta mar-riforma fl-assistenza għal diżabilità, sabiex ikompli jissaħħaħ l-appoġġ lil dawn il-persuni u lill-familji tagħhom.
Infakkar ukoll lill-Onor. Interpellant li l-abbozzi ta' liġi mressqa quddiem din il-Kamra huma soġġetti għall-iskrutinju parlamentari. Is-sit elettroniku tal-Parlament jinkludi sezzjonijiet apposta għall-abbozzi ta' liġi u għall-Atti tal-Parlament, fejn wieħed jista' jikkonsulta t-titli u d-dokumentazzjoni relatata. Għaldaqstant billi l-mistoqsija ma tispeċifikax perjodu partikolari, nirreferi lill-Onor. Interpellant għal din l-informazzjoni.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - NUQQAS TA' LOCATIONS STORIĊI ADATTATI

4310. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kummissjoni Maltija għall-Films irreġistratx każijiet fejn produzzjonijiet ikkunsidraw lil Malta iżda għażlu destinazzjoni oħra minħabba n-nuqqas ta' locations storiċi adattati jew minħabba limitazzjonijiet marbuta mal-kundizzjoni jew mal-karatteristiċi ta' dawn il-locations? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il każ ġie rreġistrat mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - SITI STORIĊI - KONTRIBUT EKONOMIKU

4311. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kummissjoni Maltija għall-Films wettqitx studju dwar il-kontribut ekonomiku li jagħtu s-siti storiċi bħala locations għall-industrija tal-films f'Malta, u jekk iva, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-istudju?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - SITI STORIĊI - EVALWAZZJONIJIET

4312. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid liema kriterji tuża l-Kummissjoni Maltija għall-Films meta tevalwa jekk sit storiku huwiex adattat biex jiġi promoss bħala location għal produzzjonijiet internazzjonali, u jekk dawn il-kriterji jinkludux il-kundizzjoni fiżika, il-karatteristiċi arkitettoniċi u l-flessibbiltà tas-sit għall-bżonnijiet tal-produzzjoni?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - SITI STORIĊI - PROMOZZJONIJIET INTERNAZZJONALMENT

4313. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid liema inizjattivi ħadet il-Kummissjoni Maltija għall-Films matul l-aħħar ħames snin sabiex tippromwovi internazzjonalment is-siti storiċi ta' Malta bħala locations għal films u produzzjonijiet televiżivi, u kemm intefqu fondi fuq dawn l-inizjattivi?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

DĦUL GĦAL ENTITAJIET PUBBLIĊI MINN FILM LOCATIONS

4314. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul ta' Heritage Malta u entitajiet pubbliċi oħra mill-għoti ta' permessi jew mill-kiri ta' siti storiċi għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet televiżivi matul kull waħda mill-aħħar ħames snin, u jagħti t-tqassim tad-dħul skont l-entità?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-użu ta' siti storiċi għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet televiżivi huwa suġġett għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-entitajiet responsabbli mill-amministrazzjoni tas-siti rispettivi.

Id-dħul minn dawn l-attivitajiet jiġi amministrat mill-entitajiet konċernati, skont il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

Il-Ministeru jagħraf l-importanza li dawn is-siti jkomplu jintużaw b'mod responsabbli għal produzzjonijiet awdjoviżivi, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna.

Seduta Numru 37
11/11/2026

HERITAGE MALTA U L-KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS - MEKKANIŻMI FORMALI TA' KOORDINAZZJONI

4315. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jispjega liema mekkaniżmi formali ta' koordinazzjoni jeżistu bejn Heritage Malta u l-Kummissjoni Maltija għall-Films sabiex il-ħtiġijiet tal-konservazzjoni u dawk tal-industrija tal-films jiġu kkunsidrati flimkien meta jiġu ppjanati interventi fuq siti storiċi?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ĦAL QORMI – PROĠETT TA' RIORGANIZZAZZJONI TAT-TRAFFIKU

4503. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk ix-xogħlijiet ta' riorganizzazzjoni tat-traffiku f'Ħal Qormi msemmija fil-Baġit 2025, tlestewx? Tista' wkoll tagħti rendikont tax-xogħlijiet li saru, l-ispiża totali u jekk għadx hemm xogħlijiet pendenti?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ĦAL KIRKOP – PROĠETT TA' RIORGANIZZAZZJONI TAT-TRAFFIKU

4504. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proġett ta' riorganizzazzjoni tat-traffiku f'Ħal Kirkop tlestiex skont il-pjan oriġinali? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm dewmien, bidliet fil-pjanijiet jew żidiet fl-ispejjeż?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 37
11/11/2026

TOROQ ARTERJALI F'GĦAWDEX – XOGĦLIJIET

4505. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti lista tat-toroq arterjali f'Għawdex li sar xogħol fuqhom matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fil-kuntest tal-impenn imħabbar fil-Baġit 2025? Tista' tgħid ukoll it-tul tat-toroq li saru, l-ispiża u jekk ix-xogħol tlestiex?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – BANKINI U ŻONI PEDONALI

4506. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm metri kwadri ta' bankini u żoni pedonali ġew mibnija jew imtejba permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll taqsam din l-informazzjoni skont il-lokalità u l-proġett?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2026, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wettaq diversi interventi ta' kostruzzjoni, tisbiħ u titjib ta' bankini u spazji pubbliċi f'diversi lokalitajiet madwar Malta.
Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu fost oħrajn, aktar minn 7 kilometri ta' bankini, pavimentar ta' aktar minn 6,628 metru kwadru ta' bankini, kif ukoll aktar minn 6,500 metru kwadru ta' pavimentar fi spazji pubbliċi miftuħa. Il-lokalitajiet fejn saru dawn ix-xogħlijiet huma indikati fil-lista li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

BAĠIT 2026 – SPAZJI PUBBLIĊI ĠODDA

4507. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħolqu spazji pubbliċi ġodda taħt il-proġetti mħabbra fil-Baġit 2026 u kemm spazji ġew riġenerati? Tista' tagħti lista ta' dawn il-proġetti u tindika kemm minnhom huma miftuħa għall-pubbliku?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li nħolqu jew ġew riġenerati erbgħa u għoxrin spazju pubbliku. Il-proġetti ndikati huma kollha miftuħa għall-pubbliku
.

Spazji miftuħa riġenerati taħt il-FA 2024-2026	
Lokalità	**Triq/Żona**
Ħamrun	Triq Atoċja
	Ġnien Anton Buttiġieġ
Isla	Ġnien il-Gardjola
Kirkop	Ġnien Rousset
Gudja	Ġnien Raymond Caruana
Għaxaq	Ġnien 2000

Mġarr	Wesgħat il-Ġublew
Mosta	Eco Garden, Triq il-Feniċi
	Santa Margerita
	Civic Centre
	Triq il-Fortizza
	Triq il-Mitna l-Qadima/Sqaq Xorxa
Mtarfa	Pjazza tal-Mtarfa, riġenerazzjoni
Qormi	Pjazza Narbona
Qrendi	Pjazza tal-Ħniena
Rabat	Kappella Sta Katerina tad-Daħla, spazju pubbliku
	Kappella Ta' Casha, spazju pubbliku
Siġġiewi	Triq Ramija
Sliema	Triq Howard
Żebbuġ	Vjal il-Ħelsien
	De Rohan Gate
	Pjazza fi Triq Sciortino
	Ġnien l-Indipendenza
Żurrieq	Belveder fi Triq Franġisk Coleiro

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROĠETTI KOMUNITARJI – BENEFIĊJARJI

4508. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kif qed jiġu allokati l-madwar €3 miljun imħabbra fil-Baġit 2026 għal proġetti komunitarji, fosthom ċentri għall-għaqdiet volontarji, faċilitajiet sportivi, proġetti ekkleżjastiċi u restawr? Tista' tagħti lista tal-benefiċjarji u l-ammont approvat għal kull proġett?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġetti komunitarji mill-vot li fih ċifra ta' Eur3 miljuni huma proġettati kif jidher hawn taħt. L-ammonti approvati għadhom ma ġewx konklużi f'dan l-istadju.

Tisbiħ ta' Spazji Pubbliċi

Lokalità	**Proġett**
Vittoriosa	Repaving of Triq Wenzu Dyer
Mqabba	Construction of a public garden overlying an existing stormwater reservoir -Triq il-Ħajt tal-Matla
Kirkop	Embellishment of Ġnien Rousset
Qrendi	Embellishment of Tal-Ħniena Chapel area
Mqabba	Demolition of existing Public Convenience and construction of a Community Clinic and Local Council Hall
Birżebbuġa	Birżebbuġa Master Plan
Mellieħa	Paving, construction of rubble walls and fencing, and landscaping works at the PWD North Region District Office.
Cospicua	Paving works at Pjazza Gavino Gulia

NGO's

Lokalita	Proġett
Mġarr	Refurbishing works at Ex-Water Pumping Station – Għaqda Banda Mġarr
Birżebbuġa	Birżebbuġa: Heating systems at Birżebbuġa Aquatic & Sports Club
Birzebbuġa	Construction of Regatta Club Facilities
Bormla	Works within the Regatta Club
Floriana	Raised flooring at backyard of Children's Hub at Maison Notre Dame, St. Calcedonius Square

Religious Organisations

Lokalità	Proġett
Paola	Lighting of façade of Poala Basilica
Mqabba	St Catherine's Chapel Mqabba
Kirkop	Refurbishment and re-construction of the Domus Kirkop Parish Church St Leonard
Fgura	Architectural Lighting of Church
Birkirkara	Reconstruction of the belfry of the Oratory MSSP
Kirkop	St. Leonard's Parish Church - Restoration/replacement of balustrades in parvis
Żurrieq	Ċentru Parrokkjali: Installation of a Passenger Lift

Seduta Numru 37
11/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SANT' ARISTARKU - WSC - SPEZZJONIJIET

4514. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid xi spezzjonijiet saru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) dwar ħruġ ta' drenaġġ fi Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar, matul ix-xahar ta' Ottubru? Tista' tgħid ukoll x'kienu r-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet, x'tiswija saret, meta saru l-ispezzjonijiet u meta saret it-tiswija?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li s-sitwazzjoni li qed tagħmel referenza għaliha l-Onor. Interpellant ġiet solvuta fit-28 t'Ottubru 2026. Inżid li dan kien każ fejn ġebla, flimkien ma' wipes, xugamani u skart ieħor mormi b'mod illeċitu u irresponsabbli daħlu ġewwa mejn u mblukkawh. Sabiex issolvi din is-sitwazzjoni, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kellha tħaffer parti mit-triq u jinqata' l-mejn li kellu l-problema.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ART AGRIKOLA PRIVATA - EŻENZJONI TAT-TAXXA TAS-SUĊĊESSJONI

4546. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi estiża l-eżenzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni għal art agrikola privata li tingħata għall-użu minn bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġenwini?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-miżura ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni, daħlet fis-seħħ permezz ta' Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta, u se tibqa' fis-seħħ għaliex mihiex miżura temporanja.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROĠETT TAL-PITKALIJA L-ĠDIDA U L-FAĊILITAJIET TAL-ĦAŻNA TAL-IKEL

4547. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Pitkalija l-ġdida u l-faċilitajiet tal-ħażna tal-ikel? Jista' jgħid ukoll kemm hi stmata l-ispiża biex isir dan il-proġett, fiex ser ikun jikkonsisti dan il-proġett, meta hu ppjanat li jibda x-xogħol u meta hu ppjanat li jkun lest?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq id-disinji tal-Pitkalija l-ġdida u l-faċilitajiet tal-ħażna tal-ikel, filwaqt li qiegħed jiġi kkompilat ukoll rapport ta' fattibbiltà dwar il-proġett.

Id-dettalji dwar l-ispiża stmata tal-proġett u l-iskeda prevista għall-bidu u t-tlestija tax-xogħlijiet jingħataw fi stadju aktar avvanzat, ladarba jitlestew id-disinji u r-rapport ta' fattibbiltà.

Seduta Numru 37
11/11/2026

BIDLA FIL-KAXXI TAL-PITKALIJA

4548. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għadux bil-ħsieb li jibdel il-kaxxi l-ħodor tal-ħaxix u l-frott (kaxxi tal-pitkalija)? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid x'tip ta' kaxxi ħodor tal-pitkalija ser jiġu introdotti f'pajjiżna, kemm se jiswew flus biex jinbidlu l-kaxxi kollha, kemm hemm bżonn kaxxi ġodda u jekk il-bdiewa u l-koperattivi tagħhom ġewx ikkonsultati b'dan it-tibdil?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Miżura Elettorali (19.008) tipprevedi l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ippakkjar fil-Pitkalija, permezz tas-sostituzzjoni tal-kaxxi l-ħodor tal-ħaxix u l-frott b'kontenituri aktar moderni u prattiċi għall-bdiewa.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija responsabbli qiegħda teżamina tipi differenti ta' kontenituri li jistgħu jtejbu l-immaniġġjar u l-preżentazzjoni tal-prodott, kif ukoll il-loġistika marbuta mad-dħul, il-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-prodott fil-Pitkalija.

Bħala parti minn dan il-proċess, l-Aġenzija qed tippjana li tidentifika sett ta' kontenituri standard u tniedi proġett pilota sabiex jiġu ttestjati u evalwati l-aktar għażliet adattati, b'konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-bdiewa u l-koperattivi. Dan ix-xogħol ser jikkontribwixxi wkoll għall-proċess usa' ta' modernizzazzjoni tas-sistema tal-bejgħ u x-xiri fil-Pitkalija, skont l-għanijiet tal-Miżura Elettorali.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PITKALIJA – SISTEMA ĠDID GĦALL-BEJGĦ U X-XIRI

4549. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li tiġi introdotta sistema ġdida biex il-bejgħ u x-xiri fil-Pitkalija jkunu aktar effiċjenti u ġusti mal-bejjiegħa u x-xerrejja?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara r-Riforma tal-Pitkalija fl-2021, l-Aġenzija responsabbli tejjbet u ssimplifikat il-proċess tal-bejgħ billi daħħlet Sistema tal IT robusta fil-qalba tal-operat.

Il-bdiewa (ilbidwi.gov.mt) u x-xerrejja (ixxerrej.gov.mt) issa għandhom apps biex jaraw u jivverifikaw il-bejgħ u x-xiri tagħhom.

Ġie introdott ukoll il-Proċess tal-Bejgħ Dirett, li jħeġġeġ lill-bdiewa jbiegħu direttament permezz ta' ilbidwi.gov.mt, filwaqt li jibqgħu jgawdu l-istess inċentivi tat-taxxa bħall-bejgħ permezz tal-Pitkalija.

Barra minn hekk, il-Gvern qed jippjana l-bini ta' Pitkalija ġdida bħala parti mill-programm ta' ħidma tiegħu. Dan l-investiment ser joħloq l-opportunità sabiex, flimkien mal-infrastruttura l-ġdida, jiġu kkunsidrati aktar titjib u bidliet fis-sistema preżenti, bil-għan li l-operat tal-Pitkalija jsir aktar modern, effiċjenti u adattat għall-ħtiġijiet tal-bdiewa u tal-operaturi fis-settur.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PROGRAMMI TA' TAĦRIĠ U EVALWAZZJONI TAL-ĦILIET GĦALL-BDIEWA

4550. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru programmi ta' taħriġ u evalwazzjoni tal-ħiliet għall-bdiewa matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO:: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru organizza workshop għall-bdiewa fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer, li ffoka fuq il-faċilitajiet tat-twelid għall-ħnieżer, b'enfasi partikolari fuq ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet xierqa għall-akkomodazzjoni tal-ħnieżer nisa u tal-qżieqeż.

Din l-attività twettqet b'kollaborazzjoni ma' esperti minn TEAGASC, li hija meqjusa bħala istituzzjoni ta' referenza f'dan is-settur fl-Irlanda, bħala parti mill-proġett Agrikonsulta, bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-għarfien tekniku u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiċi fis-settur tat-trobbija tal-ħnieżer.

Barra minn hekk, matul l-2026, il-Ministeru organizza kors speċjalizzat dwar il-produzzjoni u l-evalwazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, b'kollaborazzjoni ma' esperti miċ-Ċentru ta' Riċerka CIHEAM f'Bari.

Fl-istess waqt, bħalissa għaddejja ħidma b'kollaborazzjoni man-National Skills Council għas-settur agrikolu. Din il-ħidma tinkludi analiżi tal-lakuni fil-ħiliet, bil-għan li r-riżultati miksuba jikkontribwixxu għat-tfassil ta' programmi futuri ta' taħriġ immirati lejn il-ħtiġijiet attwali u futuri tal-bdiewa u tal-operaturi fis-settur.

Inżid ngħid li matul din is-sena, ġew ipprovduti ukoll tlett programmi ta' taħriġ lill-bdiewa, fosthom:

· Agri-Environment-Climate Commitments (AECC)
· Complementary Income Support for Young Farmers (YF)
· Eco-Scheme 2 – Integrated Pest Management (ES2)

Seduta Numru 37
11/11/2026

GĦAJNUNA GĦALL-BDIEWA LI GĦANDHOM IS-SERER

4551. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk bdiewa li għandhom is-serer hux jingħataw xi għajnuna biex iħaddmu prattiċi aktar sostenibbli u b'anqas impatt ambjentali? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid fiex tikkonsisti din l-għajnuna u kemm hemm bdiewa li gawdew minn din l-għajnuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bħala parti mill-miżuri li wettaq il-Gvern matul l-ewwel mitt jum tiegħu wara l-elezzjoni, ġiet imnedija skema ġdida għall-ġbir ta' plastik, pajpijiet u materjal ieħor relatat mal-attività agrikola, mingħajr ħlas, għall-bdiewa li għandhom is-serer jew li jkabbru l-fjuri.

Permezz ta' din l-iskema, Riżorsi Agrikoli Malta qed toffri servizz ta' ġbir ta' dan il-materjal mingħajr ebda spiża għall-bdiewa eliġibbli. Din il-miżura għandha l-għan li tinkoraġġixxi prattiċi agrikoli aktar sostenibbli u tnaqqas l-impatt ambjentali tal-attività agrikola, filwaqt li tiffaċilita l-immaniġġjar responsabbli tal-iskart agrikolu.

Din l-inizjattiva tikkumplimenta wkoll miżuri agroambjentali oħra disponibbli għall-bdiewa taħt il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li flimkien joffru appoġġ għal prattiċi agrikoli aktar sostenibbli, użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u tnaqqis tal-impatt ambjentali tas-settur agrikolu.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ SAN BASTJAN – XOGĦLIJIET

4956. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq San Bastjan, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

04/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 3515.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ SAN BASTJAN – XOGĦLIJIET

4957. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq San Bastjan, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din it-triq?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3515.

Seduta Numru 37
11/11/2026

SISTEMA TAL-KULLEĠĠI – RIFORMA STRUTTURALI

4958. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjan li jwettaq riforma strutturali fis-sistema tal-kulleġġi sabiex jingħataw aktar awtonomija fit-tmexxija u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom? Jekk iva, jista' jgħid meta hija mistennija titħabbar din ir-riforma?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024–2030 id-dokument numru 4859 li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fil-Leġislazzjoni numru erbatax fis-seduta numru 302.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KULLEĠĠI – AWTONOMIJA AMMINISTRATTIVA, AKKADEMIKA U OPERATTIVA

4959. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ser jittieħdu sabiex il-kulleġġi jingħataw aktar awtonomija amministrattiva, akkademika u operattiva, u jkunu jistgħu jfasslu l-politika tagħhom skont il-ħtiġijiet tal-komunitajiet edukattivi rispettivi tagħhom?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistqosija parlamentari 4958.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KULLEĠĠI – ONE SIZE FITS ALL APPROACH

4960. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-'one size fits all approach' mhux neċessarjament taqdi l-ħtiġijiet tal-kulleġġi kollha, fid-dawl tar-realtajiet differenti li jiffaċċjaw? Jista' jgħid ukoll x'passi beħsiebu jieħu sabiex kull kulleġġ ikun jista' jadatta l-operat tiegħu għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-Kulleġġi ma jużawx il-one size fits all approach għaliex kull talba tiġi evalwata u kull Kulleġġ jopera skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KULLEĠĠI – LIVELL TA' AWTONOMIJA

4961. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni mal-prinċipali, il-mexxejja edukattivi, l-għalliema u l-ġenituri dwar il-livell ta' awtonomija li għandu jingħata lil kull kulleġġ? Jekk iva, jista' jgħid ma' min saret din il-konsultazzjoni u x'kienu l-konklużjonijiet tagħha?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li dawn it-temi jkunu diskussi mal-istakeholders neċessarji.

Seduta Numru 37
11/11/2026

GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – FINANZJAMENT MILL-UE

4976. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Gvern mhux qiegħed jagħmel użu minn opportunitajiet ta' finanzjament offruti mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzja l-investiment fi flotta ġdida tal-vapuri tal-Gozo Channel?

04/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea allokati għal Malta għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 ma jippreveduxgħal finanzjament għax-xiri ta' flotta ġdida ta' bastimenti għall-Gozo Channel.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA U L-MCAST F'MALTA – STUDENTI GĦAWDXIN – MIŻURI

4977. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri se jittieħdu sabiex l-istudenti Għawdxin li jattendu l-MCAST jew l-Università ta' Malta ma jiġux irreġistrati bħala assenti meta jaslu tard għal-lezzjonijiet minħabba dewmien jew tfixkil fis-servizzi tal-Gozo Channel, tal-Fast Ferry jew tal-linja, għal raġunijiet li ma jkollhomx kontroll fuqhom?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li f'kazijiet bhal dawn l-MCAST timmarka l-istudenti excused meta l-istudent jaghti prova li kien hemm dewmien minhabba l-vapur.
Infurmat ukoll li kull meta l-istudent jiltaqa ma xi diffikultà li ma tkunx fil-kontroll tagħhom l-Università ta' Malta taghti il-faċilità lill-istudenti sabiex jew javżaw l-uffiċċju tal-Fakultà jew inkella lill-lecturer rispettiv . F'każijiet fejn jiġi stabbilit li hemm raġuni valida, l-istudent konċernat ma jiġix reġistrat bħala assenti.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA U L-MCAST – STUDENTI GĦAWDXIN – LECTURES PERMEZZ TA' VIDEOCONFERENCING

4978. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess sabiex studenti Għawdxin li jattendu korsijiet fl-Università ta' Malta kif ukoll l-MCAST jingħataw il-fakultà sabiex jattendu għal lectures ġewwa l-Campus tal-Università u l-Campus tal-MCAST f'Għawdex u dan permezz ta' videoconferencing mill-campus rispettiv f'każ ta' maltemp u diffikultajiet oħra li l-istudenti jistgħu jiltaqgħu magħhom li jfixkilhom milli jattendu għal lectures fil-ħin f'Malta?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor.Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistqosija parlamentari 2246.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUNSILL LOKALI – KARIGI AMMINISTRATTIVI U KLERIKALI

4979. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-karigi amministrattivi u klerikali li kull kunsill lokali huwa obbligat li jkollu jew li huma previsti fl-istruttura tal-persunal tiegħu, u tagħti, għal kull kariga, l-isem uffiċjali, l-iskala tas-salarju u l-għadd ta' postijiet previsti?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-karigi amministrattivi u klerikali f'kull Kunsill Lokali huma dawk indikata fil-ftehim kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Reġjonali (2024-2028). Il-Kunsill mhux obbligat li jimla jew ikollu persuna għal kull kariga u sta għall-Kunsill li jiddeċiedi kemm jimpjega persuni u f'liema postijiet.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUNSILLI LOKALI – POSTIJIET MIMLIJA U VAKANTI

4980. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti, għal kull kunsill lokali, l-għadd ta' postijiet mimlija u vakanti f'kull kariga, u tgħid min qiegħed jaqdi d-dmirijiet marbuta mal-karigi vakanti u taħt liema arranġamenti? Tista' tgħid ukoll liema kunsilli, jekk hemm, għandhom aktar impjegati f'xi waħda minn dawn il-karigi mill-għadd previst, u jagħti r-raġunijiet għal dan?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KUNSILL LOKALI – KARIGI AMMINISTRATTIVI U KLERIKALI – VERIFIKI

4981. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liema verifiki għandhom isiru qabel ma persunal amministrattiv jew klerikali jiġi ingaġġat mill-kunsilli lokali?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Qabel ma persunal klerikali jiġi ingaġġat minn Kunsill Lokali, għandu jiġi vverifikat li l-kandidat jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà, il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa għall-kariga rispettiva, skont il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Reġjonali 2024–2028.

Seduta Numru 37
11/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

5028. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3246 u jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

04/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab nfurmat li l- individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, ma kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih jien responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

5029. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3247 u jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

04/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-individwu inkwistjoni ma kienx appuntat f'ebda bord jew kumitat fid-dekasteru tal-Ministeru għas-Saħħa, inklużi bordijiet innominati mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, bordijiet tal-għażla u bordijiet dixxiplinari.

Seduta Numru 37
11/11/2026

OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI

5063. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4253 u jgħid kemm saru operazzjonijiet tal-katarretti fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn Frar u Settembru 2026, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa wettaq 3,504 operazzjonijiet tal-katarretti f'Malta u Għawdex. Is-servizz huwa kkumplimentat mis-settur privat skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 37
11/11/2026

SPTARIJIET PUBBLIĊI – SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-INFORMAZZJONI – REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET

5064. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3887 u 4419 u jgħid x'inhuma l-proċeduri fis-seħħ fl-isptarijiet pubbliċi biex il-mewt ta' pazjent tiġi rreġistrata fis-sistemi elettroniċi tal-informazzjoni? Jista' jispeċifika liema sistemi jintużaw, inklużi l-ICM, il-Patient Dashboard, l-EPR u l-Converge, u jispjega kif l-informazzjoni dwar il-mewt ta' pazjent tiġi trażmessa u aġġornata bejn dawn is-sistemi? Jista' jispjega wkoll jekk hemmx differenza bejn meta persuna tmut fid-dar residenzjali tagħha jew fl-isptar?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li fl-isptarijiet pubbliċi, l-mewt ta' pazjent tiġi rreġistrata skont proċeduri stabbiliti, u l-informazzjoni tiġi aġġornata fis-sistemi rilevanti tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Fil-każ ta' mwiet li jseħħu barra mill-isptar, inkluż fir-residenza tal-persuna, l-informazzjoni tiġi aġġornata abbażi tad-dokumentazzjoni uffiċjali. Is-sistemi u l-proċessi relatati jiġu riveduti b'mod kontinwu, bil-għan li tissaħħaħ aktar l-interoperabbiltà bejniethom.

Seduta Numru 37
11/11/2026

REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET – AĠĠORNAMENT AWTOMATIKU JEW MANWALI TAD-DATA

5065. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3888 u 4420 u jgħid jekk ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' pazjent f'sistema waħda twassalx għal aġġornament awtomatiku tal-istatus tal-pazjent fis-sistemi l-oħra, jew jekk dan jiddependix minn intervent manwali? Jista' jgħid ukoll fejn ikunu meħtieġa aġġornamenti manwali, liema kontrolli huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi aġġornata b'mod korrett u fil-ħin?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru. 5064.

Seduta Numru 37
11/11/2026

GOZO CHANNEL – NOLL GĦALL-FOOT PASSENGERS – SUSSIDJU

5072. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed jistma li se jkun jiswa s-sussidju biex in-noll għall-foot passengers tal-Gozo Channel jingħata b'xejn u jekk hux qed ibassar żieda ta' impjegati mal-istess kumpanija?

05/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din hi wegħda elettorali tal-Gvern. Din hija miżura li għandha l-għan li tnaqqas l-użu tal-karozza għal dawk li jiġu Għawdex. L-adjustment fin-noll għat-turisti huwa maħsub li jagħmel tajjeb għad-diminazzjoni tan-noll għall-passiġġiera Għawdxin, Maltin u dawk residenti fit-tul f'pajjiżna.

Seduta Numru 37
11/11/2026

GĦAWDEX – MEZZI TA' TRASPORT

5073. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma attwalment it-taxis, kemm bojod u kemm ta' kumpaniji oħra, reġistrati f'Għawdex u kemm jikkalkula li jridu jiżdiedu karozzi reġistrati biex jagħmlu tajjeb għal dawk li jagħżlu jżuru lill-Għawdex bla karozza? Jista' jgħid ukoll jekk hux se tkun qed tiżdied ukoll il-flotta ta' karozzi tal-linja qabel Jannar 2027?

05/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 37
11/11/2026

TRAKKA TAL-KAROZZI – KUMPENS LILL-GĦAQDIET TAL-MOTORSPORT U S-SEWWIEQA

5074. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Wara li t-trakka tal-karozzi għadha ma waslitx fl-istat li inizjalment kienet qabel ma nqalgħet u qed jiġi stmat mal-€1 miljun biex tkun asfaltata, jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jikkumpensa lill-għaqdiet tal-motorsport u lis-sewwieqa għad-dewmien u għat-telf ta' flus?

05/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Id-dilettanti tal-motorsport jafu min kien l-uniku gvern li ħaseb fihom u fl-isport tagħhom. L-aħjar kumpens huwa l-faċilitajiet mill-aqwa li ser ikollhom.

Seduta Numru 37
11/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

5075. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3750 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: Infurmat li l-Ministeru għas-Saħħa jikkollabora ma' numru ta' NGOs u dan sabiex jiġu pprovduti diversi servizzi fosthom Community services għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali, Seminars f'diversi Kunsilli Lokali u Għaqdiet Volontarji fuq suġġetti relatati mas-saħħa, Appoġġ għall-għoti ta' kura paljattiva lil persuni b'mard terminali, Akkomodazzjoni u servizzi spiritwali barra minn Malta għal pazjenti li jkunu qed jirċievu trattamenti varji, Voluntiera biex jassistu u jipprovdu appoġġ lil pazjenti u qrabathom fl-għoti ta' servizzi mhux mediċi u mhux kliniċi fl-isptarijiet f'Malta, Attivitajiet varji għall-anzjani fi djar residenzjali tal-Gvern biex iżommu ruħhom attivi u ħafna oħrajn.
L-Għaqdiet Volontarji li bbenefikaw minn dawn is-servizzi jinkludu:
Richmond Foundation, Hospice Malta, Puttinu Cares, Maltese Conventual Franciscan Province Friars, SOS Malta, Karl Vella Foundation, Din l-Art Ħelwa, The Scout Association of Malta, St. Jeanne Antide Foundation, St. John Rescue Corps, Fondazzjoni Suret il-Bniedem, Gozo Business Chamber, Mission4Changes u Malta Dementia Society.

Seduta Numru 37
11/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5076. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3751 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

05/11/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5075.

Seduta Numru 37
11/11/2026

UŻU EĊĊESSIV TA' SORS TA' ENERĠIJA

5077. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-misotqsija parlamentari 4133 u telenka l-miżuri li qed jittieħdu mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha biex jitrażżan l-użu eċċessiv ta' sors ta' enerġija li tista' tkun ta' ħsara għall-ambjent? Tista' telenka x'inċentivi qed jingħataw biex il-pubbliku jagħmel aktar użu ta' sorsi ta' enerġija nadifa?

05/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu qed jimplimentaw diversi miżuri sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, jitnaqqas il-konsum mhux meħtieġ u jiżdied l-użu ta' sorsi ta' enerġija nadifa.
Fost l-aktar inizjattivi riċenti hemm EcoTrack, pjattaforma diġitali għall-gvern inġenerali mnedija mill-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima f'Settembru 2026 fil-qafas tal-inizjattiva tal-Gvern *Leading by Example* u b'appoġġ għall-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP). Il-pjattaforma tiċċentralizza data dwar il-konsum tal-elettriku u tal-ilma fil-binjiet pubbliċi, kif ukoll data relatata mal-flotta tal-vetturi tal-Gvern, sabiex l-entitajiet ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konsum tagħhom, iqabblu l-prestazzjoni u jidentifikaw fejn jistgħu jittieħdu miżuri ulterjuri ta' effiċjenza.
EcoTrack tinkludi wkoll gwida dwar l-effiċjenza fl-enerġija msejsa fuq iċ-ċiklu *Plan-Do-Check-Act*, li jintuża fi standards internazzjonali ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-ambjent. Din tipprovdi lill-entitajiet bi proċess strutturat sabiex jidentifikaw is-sorsi ewlenin tal-konsum u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jużaw l-enerġija u r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti.
Din il-ħidma hija kkumplimentata minn miżuri oħra li diġà qed jiġu implimentati mill-entitajiet fi ħdan il-Ministeru, fosthom l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi, dawl LED u sensuri, sistemi aktar effiċjenti tal-arja kkundizzjonata, solar film, ħġieġ doppju u insulazzjoni tas-soqfa, kontroll u monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija, kif ukoll it-tiġdid gradwali tal-flotot permezz ta' vetturi elettriċi.

Qed jiġu implimentati wkoll sistemi formali ta' ġestjoni ambjentali u tal-enerġija. F'dan il-kuntest, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, l-impjanti tar-Reverse Osmosis tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Enemed kisbu ċ-ċertifikazzjoni ISO 14001, filwaqt li Ambjent Malta għaddejja bit-tħejjijiet sabiex tikseb l-istess ċertifikazzjoni. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed timplimenta wkoll politika u sistema speċifika ta' ġestjoni tal-enerġija, audits regolari u teknoloġiji biex jiġi ottimizzat it-tħaddim tal-impjanti tagħha.
Fir-rigward tal-inċentivi għall-pubbliku, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jamministra diversi skemi li jappoġġjaw investiment f'enerġija rinnovabbli u effiċjenza enerġetika. Fost dawn, l-iskema tal-2026 għas-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli tipprovdi, fost oħrajn, għotja ta' 65% tal-ispejjeż eliġibbli, sa massimu ta' €3,000, għal sistema fotovoltajka b'inverter ibridu, filwaqt li għal sistema ta' ħażna tal-enerġija fil-batteriji tingħata għotja ta' 75% tal-ispejjeż eliġibbli, sa massimu ta' €6,000, skont il-kundizzjonijiet tal-iskema.
Hemm ukoll skemi ta' għajnuna għal ħiters solari tal-ilma u ħiters tal-ilma bil-pompa tas-sħana, kif ukoll għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika bħall-insulazzjoni tas-soqfa u l-ħġieġ doppju. Barra minn hekk, l-iskema tal-*feed-in tariff* tħeġġeġ il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli billi tippermetti lill-benefiċjarji eliġibbli jirċievu ħlas għall-elettriku prodott u esportat lejn in-network nazzjonali.

Seduta Numru 37
11/11/2026

ĠEOLOGI – RIKONOXXIMENT TA' STATUS PROFESSJONALI

5110. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 28527 tat-28 ta' Mejju 2025 tal-14-il Leġislatura, fejn intqal li b'konsultazzjoni mal-Kamra tal-Ġeologisti kienet qed tiġi abbozzata liġi dwar ir-rikonoxximent tal-ġeologi bħala professjoni, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tinsab din il-liġi? Jista' jgħid ukoll meta hu antiċipat li l-abbozz jiġi ppreżentat fil-Parlament?

05/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-IMTARFA – ĠNIEN IS-SINJURA

5111. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 1160 u 3101, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet u lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi u li issa ġiet referuta lilu, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) jew Infrastructure Malta għamlux xi spezzjoni jew stħarriġ fuq il-pedamenti u l-moviment tal-art fi Ġnien is-Sinjura fl-Imtarfa? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu r-riżultati? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx ħsieb li ssir spezzjoni, u jassigura li m'hemm l-ebda periklu għall-pubbliku u għar-residenti tal-madwar?

05/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5112. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4376 u jgħid f'liema data bdew ix-xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data waqfu dawn ix-xogħlijiet, u għal liema raġuni waqfu?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, bdew fis-16 ta' Marzu 2026.
Ix-xogħlijiet twaqqfu temporanjament matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2026, minħabba l-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni dwar aspetti strutturali li ma kienux previsti, u nqalgħu max-xogħlijiet.
Ix-xogħlijiet reġgħu bdew fit-2 ta' Novembru 2026.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5113. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4377 u jgħid meta hu mistenni li jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, u sa meta huma mistennija jitlestew?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 5112.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5114. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4378 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 29677 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid f'liema data ġie ffirmat il-ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta għat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, u jqiegħed kopja ta' dan il-ftehim fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta għat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, ġie ffirmat fit-30 ta' Ġunju 2025.

Kopja tal-ftehim qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 37
11/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5115. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4379 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22482 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża stmata oriġinarjament għat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, x'inhi l-ispiża totali skont il-ftehim iffirmat, u għaliex żdiedet l-ispiża?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MARSASKALA - IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART - INVESTIMENT

5152. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid xi pjanijiet hemm sabiex isir l-investiment meħtieġ biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalità ta' Marsaskala?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li l-immaniġġjar tal-iskart, bħal f'kull lokalità huwa mħaddem mill-Kunsill Reġjonali u jservi l-lokalitajiet kollha. Fejn hemm diffikultajiet, dawn ikunu rrappurtati lill-kuntrattur rispettiv biex jieħu l-miżuri korrettivi neċessarji.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MARSASKALA - IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART - RIŻORSI ALLOKATI

5153. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tindika r-riżorsi allokati għall-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalità ta' Marsaskala tramite r-Reġjun Nofsinhar, liema lokalità qed tiffaċċja sfidi kbar fl-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mil-Kunsill Reġjonali Nofsinhar li bħala l-entità responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku minn bieb għal bieb u mill-ġbir tal-iskart kummerċjali għar-riċiklaġġ (il-borża griża), għandu uffiċjal Maniġerjali full-time. Fil-preżent, il-Kunsill Reġjonali qed imexxi kampanji edukattivi fosthom it-tnedija tal-proġett Riċiklin, dwar l-immaniġġjar xieraq tal-iskart.
Għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kampanji, il-Kunsill Reġjonali qed juża r-riżorsi umani li diġà għandu impjegati miegħu fil-preżent.

Seduta Numru 37
11/11/2026

MARSASKALA - KUNSILL LOKALI - RIŻORSI MOGĦTIJA MID-DIPARTIMENT GĦALL-INDAFA PUBBLIKA

5154. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tindika r-riżorsi umani u finanzjarji mogħtija mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika lill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għaż-żamma tal-istess lokalità?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Fil-preżent id-Divizjoni għat-Tindif u Manutenzjoni tipprovdi tmien kenniesa għaż-żamma tal-indafa fil-lokalità ta' Marsaskala. Ma dawn it-tmien ħaddiema hemm ukoll ingaġġjat supervisor għall- kontroll u moniteraġġ tax-xogħol mwettaq fil-lokalità, jiġi provdut ukoll tagħmir għat-tindif skont kif meħtieġ.

Barra min hekk, id-Diviżjoni permezz ta' sezzjonijiet rispettivi tieħu ħsieb ukoll b'mod regolari iż-żamma tal-indafa tal-bajjiet u promenade tal-istess lokalità.

Seduta Numru 37
11/11/2026

PORT TA' MARSAXLOKK - VENDA GĦAD-DGĦAJJES TAT-TURISTI

5155. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li ssir venda għad-dgħajjes tat-turisti fil-Port ta' Marsaxlokk?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li l-venda ser tkun tifforma parti minn sejħa għall-offerti li l-Kunsill mistenni joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u TM.

Seduta Numru 37
11/11/2026

BIRŻEBBUĠA - IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART - RIŻORSI ALLOKATI

5156. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tindika r-riżorsi allokati għall-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalità ta' Birżebbuġa tramite r-Reġjun Nofsinhar, liema lokalità qed tiffaċċja sfidi kbar fl-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5157.

Seduta Numru 37
11/11/2026

BIRŻEBBUĠA - IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART - INVESTIMENT

5157. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid xi pjanijiet hemm sabiex isir l-investiment meħtieġ biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalità ta' Birżebbuġa?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li l-immaniġġjar tal-iskart, bħal f'kull lokalità huwa mħaddem mill-Kunsill Reġjonali u jservi l-lokalitajiet kollha. Fejn hemm diffikultajiet, dawn ikunu rrappurtati lill-kuntrattur rispettiv biex jieħu l-miżuri korrettivi neċessarji.

Seduta Numru 37
11/11/2026